

Anton Vella

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?

# €25,000 F'KONSULENZA LIL GĦAXAR SIDIEN TA' NEGOZJI ŻGĦAR

**l-SME Business Clinic**

Permezz tal-ewwel attività tax-xorta tagħha – l-SME Business Clinic, li l-MEA hadet hsieb li torganizza fil-jiem li għaddew, għaxar intrapriżi żgħar ingħataw il-possibbiltà li jibbenefikaw bejniethom sa massimu ta' €25,000 f'konsulenza sabiex ikunu jistgħu jtejbu l-operat tan-negozju tagħhom.

Kienet attività li ġiet organizzata mill-SME Helpdesk tal-Assoċjazzjoni ta' min iħaddem bħala parti mill-ġimgħa ta' attivitajiet imsejħa Malta SME Week 2014.

L-SME Business Clinic Workshop kien parti minn attività ferm ikbar li l-EU Commission organizzat dwar kif imprenditur jista' jagħmel użu aħjar minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

Kollaboratur importanti kien il-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u negozji żgħar li permezz tiegħu l-MEA setgħet tipparteċipa f'dan il-programm tal-SME Week, li ġie mfassal f'Malta, għal din is-sena.

Din l-attività saret f'lukanda f'San Ġiljan, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2014.

Għal din is-sessjoni tal-Business Clinic Workshop attendew numru ta' imprendituri/*employers* u sidien ta' negozji żgħar, li assistew għal tliet preżentazzjonijiet minn tliet konsulenti esperti fin-negozju, li ggwidawhom kif jistgħu jagħmlu analiżi profonda fuq l-operat tan-negozju, u kif iħarsu 'l quddiem sabiex itejbu fuq dak li bnew sa issa.

Il-laqgħa li tmexxiet mis-Sur Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali tal-MEA, bdiet b'introduzzjoni qasira minni, Anton Vella, (SME Helpdesk Executive) li tajt lil dawk preżenti ħarsa dwar l-intenzjoni ta' kif kellu jitħaddem il-proċess tal-SME Business Clinic li kienu ser jassistu għalih tul is-sagħtejn li kellhom quddiemhom.

Imbagħad, tliet esperti fin-negozju, ċjoè s-Sur John Portelli, is-Sur Grorge Cassola, kif ukoll is-Sur David Grech taw preżentazzjoni interessanti dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb it-tmexxija tan-negozju tiegħu, kif imprenditur jagħraf iħaddem flusu fin-negozju, kif ukoll kif wieħed jista' jiddiversifika u jiffaċċja sfidi waqt proċess ta' bidu ta' negozju ġdid.

Is-Sur Mark Pizzuto, f'isem il-Malta Enterprise, spjega lil dawk preżenti kif huma jistgħu jagħmlu użu aħjar minn skema eżistenti mfassla biex tgħin negozji li jkunu għaddejjin minn xi diffikultajiet.



l-attività tat opportunità li kull min xtaq jistaqsi lill-esperti preżenti, u hawn żvolġiet diskussjoni verament interessanti. Fost is-suġġetti li tqajmu kien hemm id-diffikultajiet li xi drabi l-persuni femminili jiltaqgħu magħhom waqt proċess ta' mili ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt diversi skemi, u kif dawn sfortunatament jiltaqgħu ma' ostakli mhux mistennija sakemm jiġu rikonoxxuti bħala benefiċjarji.

Ġie diskuss ukoll l-aspett ta' burokrazija żejda, u spejjeż esaġerati, kwistjonijiet li hemm bżonn li jiġu indirizzati sabiex sidien ta' negozji żgħar jiġu inkoraġġuti japplikaw għal diversi għajnuniet mingħajr l-obbligu li jidħlu għal piżijiet żejda.

**Konsulenza b'xejn mill-Malta Enterprise**

Kien hawn li għaxar imprendituri minn fost dawk preżenti laqgħu l-istedina tal-MEA sabiex jagħmlu pass 'il quddiem u japplikaw għal numru ta' sigħat ta' konsulenza b'xejn, sabiex jidentifikaw fejn jistgħu jtejbu, u jibbenefikaw minn pariri siewja ta' kif jistgħu jinvestu u jtejbu l-operat tagħhom.

Għaxar sigħat ta' konsulenza f'suġġetti partikolari, b'xejn. Huwa stmat li kull sessjoni ta' għaxar sigħat tiswa xejn inqas minn €500, u kull imprenditur huwa intitolat li jista' jieħu sa ħames suġġetti differenti. B'hekk fl-aħħar ikun ibbenefika minn massimu ta' €2,500 f'konsulenza, mingħajr ma jkun ħareġ ewro wieħed mill-but tiegħu.

l-iskema, li jisimha Business Advisory Services Scheme, ilha teżisti, iżda issa, permezz ta' dan l-SME Business Clinic Workshop, numru ta' SMEs ingħataw l-opportunità li jkunu jafu eżatt x'inhi din l-iskema u fiex tikkonsisti, u ġew imħajra jibbenefikaw mill-benefiċċji li l-istess skema toffri lil negozji li jkunu jixtiequ l-għajnuna.

Tajjeb li nfakkarkom ukoll li għal għajnuna u dettalji oħra dwar din l-iskema u oħrajn, wieħed jista' jagħmel kuntatt dirett mal-uffiċini tal-Businessfirst li jinsabu fi Gwardamanġa (fil-bini tal-Isptar San Luqa).

Bħala uffiċjal eżekuttiv tal-SME Helpdesk tal-MEA, jiena nibqa' nkun disponibbli sabiex kull fejn issibu diffikultà nkun lest li nipprova ngħinkom mill-aħjar li nista'. Għalhekk tiddejqu xejn li tikkuntattjawni fejn teħlu, jew thossu l-ħtieġa li titkellmu ma' xi ħadd dwar din l-iskema partikolari.

L-SME Helpdesk ser ikun qed jinnota l-applikazzjonijiet kollha li ser ikunu qed jidħlu l-Malta Enterprise fil-jiem li ġejjin sabiex jassigura li kulħadd jibbenefika minn dawn l-għaxar sigħat ta' konsulenza b'xejn, mingħajr intoppi, fis-suġġett li jagħżlu li jingħataw l-għajnuna.

Bħala MEA ser inkunu qed noffru servizz ta' *handholding*, lil dawn l-għaxar intrapriżi żgħar, u 'l quddiem lil aktar *employers* li jiddeċiedu li jipparteċipaw f'din l-iskema u fi skemi oħrajn.

Filwaqt li nirringrazzja lil kull min għen sabiex din l-attività tkun suċċess, nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja wkoll lil kull min għogbu jaċċetta l-istedina tagħna u jattendi għal din l-ewwel attività tax-xorta tagħha.

Dan għadu biss il-bidu ta' ħolma li l-MEA tixtieq li taraha titwettaq fix-xhur u s-snin li ġejjin.

L-MEA ser tkun qed tippersisti mal-awtoritajiet ikkonċernati sabiex eventwalment tixpruna l-idea li f'Malta jkollna struttura permanenti li toffri servizz minn *business doctors* f'*business clinic*, għal dawk in-negozji żgħar li jkunu għaddejjin minn xi diffikultajiet.

L-MEA tapprezza jekk issib l-appoġġ ta' ħafna minnkom f'dan il-proġett pilota. Għalhekk qed tappella lil kull min jaqbel ma' din l-idea sabiex jikkuntattjana u jappoġġjana, u min għadu mhuwiex membru jissieheb magħna, u b'hekk ikun qed isaħħilna jdejna sabiex inkomplu naħdmu u nitkellmu f'isimkom ilkoll.

**Facebook : www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation**

**Jekk tixtieq tagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) tista' tagħmel dan billi ċċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Tista' wkoll tibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew tuża t-24/7 *helpline* 2122 2006 billi ċċempel u tħallilna ismek sabiex fl-iqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħek.**

**Grazzi talli tajtni l-opportunità li nitkellem miegħek. Nibqgħu niltaqgħu b'artikli oħra simili fil-ġimgħat li ġejjin. Jekk tixtieq tgħaddili xi suġġerimenti u proposti għal dan l-artiklu nitolbok biex tikkomunika miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwiegħdek li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakx.**